31970R1467

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE)

ta' l-20 ta' Lulju 1970

Li jiffissa ċerti regoli ġenerali li jirregolaw l-intervenzjoni fis-suq tat-tabakk mhux maħdum

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 727/70 [1] tal-21 ta' April 1970 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux maħdum, u partikolarment l-Artikoli 5(5), 6 (9) u 6 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Billi l-ħolqien ta' suq wieħed għat-tabakk mhux maħdum jeħtieġ l-applikazzjoni ta' miżuri komunitarji ta' intervent sabiex il-produtturi tal-Komunità jkunu jistgħu jiddisponu mill-prodott tagħhom f'kondizzjonijiet ekwivalenti għal dawk eżistenti għall-biċċa l-kbira tal-produzzjoni fl-ambitu ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq;

Billi l-ħtieġa ta' l-aġenziji ta' intervent illi tabakk f'weraq ikun ipproċessat u ppeparat għas-suq teħtieġ li ssir distinzjoni bejn iċ-ċentri ta' intervent li jimmaniġġjaw l-ewwel proċessar, il-preparazzjoni għas-suq u l-ħżin, min-naħa l-waħda, u ċ-ċentri ta' intervent li jimmaniġġjaw il-ġbir u l-magażinaġġ proviżorju tat-tabakk f'weraq, min-naħa l-oħra, sabiex jiffaċilitaw il-kunsinna tal-prodott offert għall-intervent; billi għandha tiġi mħejjija lista ta' dawk iċ-ċentri sabiex jiġi żgurat li l-intervent jipprovdi lil dawk interessati b'garanziji li jkunu ekwivalenti fir-reġjuni kollha ta' produzzjoni tal-Komunità;

Billi l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' intervent komunitarju teħtieġ li l-aġenziji ta' intervent jieħdu f'idejhom it-tabakk f'kondizzjonijiet li jieħdu kont partikolari tad-differenzi reġjonali fil-metodi ta' koltivazzjoni u ta' tnixxif tad-diversi varjetajiet ta' tabakk; billi, konsegwentement, l-għażla ta' ċentri ta' intervent għandha tkun ristretta għal dawk l-aktar viċin tal-postijiet ta' produzzjoni jew ta' l-ewwel proċessar billi dawn ġeneralment jissodisfaw il-kondizzjonijiet fuq imsemmija;

Billi huwa madankollu importanti li jiġi żgurat, kull meta jkun meħtieġ, li t-tabakk jintbagħat liċ-ċentru ta' intervent li jkollu kapaċità adegwata ta' magażinaġġ u ta' ħżin u, fejn ikun approprjat, l-aktar li huwa adatt għall-varjetà jew il-kwalità in kwistjoni; billi, għalhekk, l-aġenzija ta' intervent għandha titħalla tiddeċiedi fejn għandu jittieħed it-tabakk fid-dawl ta' l-ispejjeż prevedibbli għall-operazzjonijiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' l-aġenzija ta' intervent;

Billi jista' jkun rakkomandabbli li, f'ċerti każijiet, jintgħażel ċentru ieħor barra dawk l-aktar viċin tal-posta ta' produzzjoni jew ta' l-ewwel proċessar; billi l-aġenzija ta' intervent ikollha tħallas hi l-ispejjeż żejda tat-trasport li jistgħu jirriżultaw minn dik id-deċiżjoni;

Billi, minħabba d-distinzjoni bejn il-post tal-kunsinna tat-tabakk f'weraq u l-post ta' l-ewwel proċessar u l-preparazzjoni għas-suq, dan ta' l-aħħar għandu jintgħażel fid-dawl ta' l-ispejjeż prevedibbli ta' l-operazzjonijiet kollha li jkunu għall-aġenzija ta' intervent;

Billi l-intervent għandu jiġi llimitat għal kwalitajiet ta' tabakk li jagħtu ċertezza raġonevoli li jkollhom użu; billi għal dik ir-raġuni kull kwalità li ma tikkorrispondix mal-karatteristiċi minimi ta' kwalità li għandhom jiġu ddefiniti f'regoli ddettaljati ta' l-applikazzjoni għandha tiġi eskluża mill-intervent;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-segwenti għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 727/70:

(a) ċentri ta' intervent (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ċentri ta' ġbir"), li jkunu jinsabu f'żoni fejn ikun hemm produzzjoni sostanzjali ta' tabakk f'weraq, li joffru kapaċità ta' magażinaġġ proviżorju għal dak it-tabakk;

(b) ċentri ta' intervent (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ċentri ta' proċessar u tal-ħżin") li joffru kapaċità għall-magażinaġġ proviżorju u impjanti ta' l-ewwel proċessar u ta' preparazzjoni għas-suq ta' tabakk f'weraq, u kapaċità għall-ħżin u l-konservazzjoni għal tabakk li jkun għadda mill-ewwel proċessar u preparazzjoni għas-suq.

[1] ĠU L 94, 28.4.1970, p. 1.

Artikolu 2

1. Kull offerta ta' tabakk f'weraq għall-intervent għandha ssir lill-aġenżija ta' intervent għal ċentru tal-ġbir jew għal ċentru ta' l-ipproċessar u tal-ħżin magħżul minn fost it-tliet ċentri l-aktar viċini tal-post fejn dak it-tabakk ikun ġie miġbur.

2. Kull offerta ta' tabakk f'balal għall-intervent għandha ssir lill-aġenżija ta' intervent għal ċentru ta' l-ipproċessar u tal-ħżin minn fost it-tliet ċentri l-aktar viċin tal-post fejn dak it-tabakk ikun għadda mill-ewwel proċessar u preparazzjoni għas-suq.

3. "Ċentri l-aktar viċin" tfisser dawk li lilhom it-tabakk jista' jintbagħat bl-inqas spejjeż.

Artikolu 3

1. L-aġenziji ta' intervent għandhom jiddeċiedu fejn it-tabakk għandu jiġi kkunsinnat.

2. L-aġenzija ta' intervent għandha tagħżel post tal-kunsinna li ma jkunx iċ-ċentru speċifikat mid-detentur tat-tabakk biss jekk dak iċ-ċentru ma jkunx jista' jipprovdi, fiż-żmien ta' l-operazzjoni:

(a) għal tabakk f'weraq: kapaċità ta' magażinaġġ proviżorju adegwat;

(b) għal tabakk f'balal: kapaċità ta' ħżin adegwat jew garanziji suffiċjenti għall-konservazzjoni sodisfaċenti tat-tabakk tal-varjetà u tal-kwalità offerti.

3. Il-post ta' kunsinna magħżul mill-aġenzija ta' intervent għandu jkun jinsab f'post tali li jinvolvi l-inqas spiża komplessiva li tkun tinkludi:

(a) għal tabakk f'weraq: l-ispejjeż ta' trasport, magażinaġġ proviżorju, l-ewwel proċessar u preparazzjoni għas-suq, u konservazzjoni u ħżin tal-prodott proċessat;

(b) għal tabakk f'balal: l-ispejjeż ta' trasport, konservazzjoni u ħżin.

4. Jekk il-post ta' kunsinna magħżul mill-aġenżija ta' intervent ma jkunx wieħed mit-tliet ċentri previsti fl-Artikolu 2, l-ispejjeż kollha addizzjonali ta' trasport għandhom jiġu stabbiliti u mħallsa jitħallsu mill-aġenzija ta' intervent.

Artikolu 4

Il-post magħżul mill-aġenzija ta' intervent għall-ewwel proċessar u preparazzjoni għas-suq tat-tabakk f'weraq kunsinnat fiċ-ċentru magħżul mill-bejjiegħ għandu jkun dak li jinsab f'post tali li jinkorri l-inqas spejjeż komplessivi għall-ewwel proċessar, preparazzjoni għas-suq u ħżin u għat-trasport mill-post tal-kunsinna.

Artikolu 5

It-tabakk biss li jikkorrispondi mal-karatteristiċi minimi ta' kwalità li għandhom jiġu ddefiniti fuq il-bażi ta' klassifikazzjoni skond il-varjetà u l-kwalità għandu jinxtara għall-ħażna mill-aġenziji ta' intervent.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHEEL